Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (Il-Ġermanja) fis-6 ta' Marzu 2009 — Eis.de GmbH vs BBY Vertriebsgesellschaft mbH

(Kawża C-91/09)

(2009/C 129/06)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Eis.de GmbH

Konvenuta: BBY Vertriebsgesellschaft mbH

Domanda preliminari

1) Jeżisti użu ta' trade mark fis-sens tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 89/104/KEE [1] meta terz jindika sinjal identiku għat-trade mark bħala keyword f'mutur ta' riċerka, mingħajr il-kunsens tal-propjetarju tagħha, sabiex meta jiddaħħal bħala terminu ta' riċerka s-sinjal identiku għat-trade mark fil-mutur ta' riċerka, tidher link promozzjonali elettronika għall-website tat-terz li tirreklama prodotti jew servizzi identiċi fi spazju pubbliċitarju separat mil-lista tar-riżultati tar-riċerka, fid-dawl tal-fatt li din il-link hija ppreżentata bħala link sponsorjat u li r-reklam innifsu ma jkunx jinkludi s-sinjal u lanqas kwalunkwe riferiment għall-proprjetarju tat-trade mark jew għall-prodotti li huwa qed joffri għall-bejgħ?

[1] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 40, p. 1)

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fis-6 ta' Marzu 2009 — Volker und Markus Schecke GbR vs Land Hessen

(Kawża C-92/09)

(2009/C 129/07)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Wiesbaden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Volker und Markus Schecke GbR

Konvenut: Land Hessen

Domandi preliminari

1) Il-punt 8b tal-Artikolu [42] u l-Artikolu 44a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, tal-21 ta' Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, p. 1), introdotti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1437/2007, tas-26 ta' Novembru 2007, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 322, p. 1) huma invalidi?

2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008 tat-18 ta' Marzu 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 76, p. 28)

   a) huwa invalidu,

   b) jew validu biss minħabba l-invaliditá tad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temendi d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU L 105, p. 54)?

Fil-każ li d-dispożizzjonijiet iċċitati fl-ewwel u t-tieni domanda huma validi:

3) it-tieni inċiż tal-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, p. 31), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-pubblikazzjoni taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008, tat-18 ta' Marzu 2008, li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), tista' sseħħ biss jekk tkun preċeduta mill-proċedura prevista minn dan l-artikolu minflok in-notifika lill-awtorità ta' superviżjoni?

4) L-Artikolu 20 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, p. 31), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-pubblikazzjoni taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008, tat-18 ta' Marzu 2008, li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), tista' sseħħ biss jekk titwettaq il-verifika minn qabel li d-dritt nazzjonali jistabbilixxi għal dan il-każ?

5) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għar-raba' domanda: l-Artikolu 20 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, p. 31), għandu jiġi interpretat fis-sens li verifika minn qabel mhijiex valida meta ssir fuq il-bażi ta' reġistru, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 18(2) ta' din l-istess direttiva, li ma jinkludix l-informazzjoni mandatorja kollha?

6) L-Artikolu 7 — b'mod partikolari s-subparagrafu (e), f'dan il-każ — tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, p. 31), għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi prattika ta' reġistrazzjoni tal-indirizzi IP tal-utenti ta' sit Internet, mingħajr il-kunsens espress tagħhom?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Wien (l-Awstrija) fl-10 ta' Marzu 2009 — Ingrid Schmelz vs Finanzamt Waldviertel

(Kawża C-97/09)

(2009/C 129/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Wien

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ingrid Schmelz

Konvenut: Finanzamt Waldviertel

Domandi preliminari

1. L-espressjoni "kif ukoll il-provvisti ta' oġġetti u servizzi magħmula minn persuna taxxabbli li mhix stabbilita ġewwa t-territorju tal-pajjiż" li tinsab fl-Artikolu 24(3) u fl-Artikolu 28i tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima [1] (iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), kif emendata bil-punt 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/111/KEE, tal-14 ta' Diċembru 1992, li temenda d-Direttiva 77/388/KEE u tintroduċi miżuri ta' simplifikazzjoni fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud [2], kif ukoll regola nazzjonali li tittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali, jiksru t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (iktar 'il quddiem it-"Trattat KE"), b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni (Artikolu 12 KE), il-libertà ta' stabbiliment (Artikoli 43 *et seq.* KE), il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikoli 49 *et seq.* KE), jew il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju (il-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza fid-dritt Komunitarju), sa fejn din id-dispożizzjoni tipprovdi li ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż tagħhom huma eskluži mill-eżenzjoni mit-taxxa taħt l-Artikolu 24(2) tas-Sitt Direttiva (Skema speċjali għall-impriżi żgħar), filwaqt li ċittadini tal-Unjoni li jkunu stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni mit-taxxa fil-każ li l-Istat Membru tagħhom jikkonċedi, b'konformità mad-direttivi inkwistjoni, eżenzjoni mit-taxxa għall-impriżi żgħar?

2. L-espressjoni "provvisti ta' merkanzija jew servizzi magħmula minn persuna taxxabbli li mhix stabbilita fl-Istat Membru li fih hi dovuta l-VAT" li tinsab fl-Artikolu 283(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [3] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva VAT"), kif ukoll regola nazzjonali li tittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali, jiksru t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (iktar 'il quddiem it-"Trattat KE"), b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni (Artikolu 12 KE), il-libertà ta' stabbiliment (Artikoli 43 *et seq.* KE), il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikoli 49 *et seq.* KE), jew il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju (il-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza fid-dritt Komunitarju), sa fejn din id-dispożizzjoni tipprovdi li ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom huma eskluži mill-eżenzjoni mit-taxxa taħt l-Artikoli 282 *et seq.* tad-Direttiva VAT (Skema speċjali għall-impriżi żgħar), filwaqt li ċittadini tal-Unjoni li jkunu stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni mit-taxxa fil-każ li l-Istat Membru tagħhom jikkonċedi, b'konformità mad-direttivi inkwistjoni, eżenzjoni mit-taxxa għall-impriżi żgħar?

3. Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda: L-espressjoni "kif ukoll il-provvisti ta' oġġetti u servizzi magħmula minn persuna taxxabbli li mhix stabbilita ġewwa t-territorju tal-pajjiż" li tinsab fl-Artikolu 24(3) u fl-Artikolu 28i tas-Sitt Direttiva hija invalida fis-sens tal-inċiż (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 234 KE?

4. Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tieni domanda: L-espressjoni "provvisti ta' merkanzija jew servizzi magħmula minn persuna taxxabbli li mhix stabbilita fl-Istat Membru li fih hi dovuta l-VAT" li tinsab fl-Artikolu 283(1)(ċ) tad-Direttiva VAT hija invalida fis-sens tal-inċiż (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 234 KE?

5. Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tielet domanda: Il-kunċett ta' "negozji totali annwali" ["dħul mill-bejgħ annwali"] fis-sens tal-punt 2(ċ) tat-Titolu IX, "It-Tassazzjoni", tal-Anness XV tat-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Grand Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika Portugiża, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati